Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 289/1989/1

**Tabib Charles Brincat**

**v.**

**Tabib Robert Naudi, Tabib Alfred Baldacchino, Tabib Gino Abela, Tabib Joseph Grech Attard f'isimhom u bhala membri tal-Pegasus Medical Service Group u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 1989, gie kjamat fil-kawza it-Tabib Michael Cordina**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie deciz kif gej:-

**"Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

"Billi l-attur kien wiehed mill-fundaturi tal-Pegasus Medical Service Group liema giet stabilita` biex jigi provdut servizz mediku bil-hlas lil ditti, fabbriki u organizzazzjonijiet u l-qligh jinqasam;

"U billi b' mod ingust u kontra kull etika, il-konvenuti keccew lill-attur mill-Pegasus Medical Service Group u b' hekk ikkagunawlu danni;

"U billi l-attur mhux pozizzjoni biex jivverifika jekk huwiex intitolat ghal bilanc u kumpens talli (sic) ta xogholu biex jistabilixxi l-Pegasus u dan stante li l-konvenuti rriffjutaw li jibghatu l-accounts lill-attur minn mindu giet stabbilita l-Pegasus;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-attur gie mkecci ingustament mill-konvenuti mill-Pegasus Medical Service Group;

"2. Tillikwida kull somma dovuta lill-attur mill-konvenuti kemm bhala bilanc dovut mill-qliegh kif ukoll bhala danni u kull kumpens lilu dovut talli gie stabbilit l-imsemmi Pegasus Medical Service Group; u

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur kull somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

"Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti t-tobba Dr.Gino Abela, Dr.Robert Naudi, Dr.Alfred Baldacchino u Dr.Joseph Grech Attard li permezz taghhom eccepew:

"Fl-ewwel lok in-notifika tal-att tac-citazzjoni hi nulla in kwantu din ma hijiex iffirmata minn Imhallef u lanqas datata. Hekk ukoll hi nulla n-notifika tal-mozzjoni bl-appuntament tal-kawza.

"Sekondarjament il-gudizzju mhuwiex integru ghax fost il-membri promoturi tal-Pegasus Medical Services group jonqos li jigi citat it-Tabib Michael Cordina.

"Fit-tielet lok ma jidhirx illi l-azzjoni ntentata mill-attur hi korretta in kwantu hu ma kienx impjegat mal-group izda wiehed mill-assocjati, u se mai, kellu jitlob ir-rezo konti u mhux il-likwidazzjoni in konsegwenza tal-licenzjament;

"Fil-meritu t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-tkeccija tal-attur mill-group kienet ghar-raguni valida fil-Ligi u fl-ahjar interess tal-group u tal-konsocjati tieghu;

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tabib Michael Cordina li permezz taghha eccepixxa:

"1. Fl-ewwel lok ma jidhirx illi l-azzjoni intentata mill-attur hi l-procedura korretta stante li l-attur ma kienx impjegat mal-grupp izda wiehed mill-konsocjati, u kwindi l-attur kellu se mai jitlob ir-rezo konti u mhux il-likwidazzjoni in konsegwenza tal-licenzjament.

"2. Fil-meritu izda bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li t-tkeccija tal-attur mill-Group kienet ghar-raguni valida fil-Ligi u fl-ahjar interess tal-istess Group u tal-konsocjati tieghu;

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

"Rat l-atti kollha tal-kawza;

"Semghet il-provi bil-gurament;

"Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat

**"Kwadru tal-fatti**

"Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fis-sena 1979 il-kontendenti u ohrajn kienu lahqu ftehim bejniethom fis-sens li jifformaw il-Pegasus Medical Services Group, konsistenti fi grupp ta' tobba bil-ghan li jaghtu s-servizzi medici taghhom lid-ditti, fabbriki u organizzazzjonijiet. Sussegwentement, minhabba l-awment ta' xoghol, gie deciz li jdahhlu tobba ohra ma' dan il-grupp, izda l-kwistjonijiet ta' policy, amministrazzjoni, ingagg u tkeccija u materji ta' dixxiplina, baqghu f' idejn il-membri fundaturi tal-grupp, fosthom il-kontendenti.

"Mill-provi orali jirrizulta li l-introitu kollu jigi depozitat il-Bank, u wara li jitnaqqsu l-ispejjez kollha, il-bilanc profitt jigi distribwit lill-membri ugwalmenti.

"Illi fix-xhieda tieghu l-attur sostna li huwa qatt ma kien inghata statement tad-dhul u infiq ta' l-assocjazzjoni, ghalkemm minn naha tieghu qatt ma kellu lmenti dwar is-somma annwali li kien jircievi. Skond hu, inizjalment din is-somma kienet zghira peress li l-klijenti kienu ftit, izda sussegwentement dawn beda jizdiedu u skond l-istess attur l-ahhar sena qabel ma hu spicca minn maghhom l-qligh kien ta' Lm3,500 per capita.

"Illi l-gestjoni tal-assocjazzjoni kienet inizjalment f' idejn il-konvenut Dr.Robert Naudi u sussegwentmeent f' idejn il-konvenut Dr. Alfred Baldacchino.

"Illi l-attur isostni li meta giet ifformata l-assocjazzjoni huwa kien iffirma skrittura li kienet baqghet ghand il-konvenut Dr.Robert Naudi u li, skond l-istess attur, dan kien irrifjuta li jghaddilu kopja taghha.

"Illi sussegwentment inqalghu kwistjonijiet bejn l-attur u l-membri l-ohra, minhabba, skond ma xehdu l-konvenuti, l-agir arroganti tal-attur kemm fil-konfront taghhom kif ukoll fil-konfront tal-membri tal-istaff u anke fil-konfront tal-impjegati tal-fabbriki klijenti taghhom; u ksur tal-regoli tal-assocjazzjoni. Skond il-konvenuti dan l-agir kien qed ikun ta' pregudizzju ghall-interessi tal-assocjazzjoni, u kien qed jikkaguna telf ta' klijenti.

"Illi fit-22 ta' Novembru 1984 l-amministrazzjoni hasset li kellha tohrog cirkolari lill-membri kollha taghha, inkluz dawk il-fundaturi tal-ghaqda, u li l-ewwel paragrafu taghha jaqra hekk: "All doctors must abide by the General rules of the Administration. Serious omissions which may prove detrimental ta' the status of the Group may lead to immediate dismissal from the Group and a fine equivalent to one month salary".[1] Dr.Baldacchino spjega li din ic-cirkolari kienet intiza ghat-tobba kollha fil-grupp inkluz allura l-attur, u di fatti din giet iffirmata mill-attur.

"Illi sussegwentement inqalghu kwistjonijet ulterjuri bejn l-attur u l-amministrazzjoni tal-assocjazzjoni, bir-rizultat li l-attur kien inghata twissija u anke sussegwentement kien gie sospiz milli jaghmel certu xoghol. Dan kien ftit xhur qabel Awissu 1988. In segwitu nqalghu kwistjonijiet ohra li kienu jinvolvu klijenti tal-assocjazzjoni u ghal habta ta' nofs is-sena 1989 l-membri fundaturi l-ohra unanimament qabblu li jestromettu lill-attur mill-grupp. Bir-rizultat li l-attur ma baqghax jifforma parti mill-assocjazzjoni u sussegwentement ifforma grupp ghalih.

"L-attur sostna li meta telaq hu kien hemm fabbriki li telqu minn mal-Pegasus u bdew jinqdew bis-servizzi tal-grupp tieghu li gie ffurmat minnu circa tlett xhur wara t-tkeccija.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi determinat n-natura guridika tar-relazzjoni mahluqa mill-fundaturi tal-Pegasus Group u

[1] Fol. 154-155 – sottolinear tal-Qorti.

ezistenti bejniethom, bil-ghan li jigu identifikati n-normi legali li ghandhom jigvernaw din l-ghaqda.

"Illi l-Artikolu 1644 jikkontempla n-nozzjoni ta' Socjeta' u jiddefiniha bhala "kuntratt li bih tnejn minn nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b' hekk jistghu jiehdu" u l-Artikolu 1650 jiddefenixxi Socjeta' Parikolari bhala "dik li jkollha b' oggett xi hwejjeg partikolari, jew l-uzu taghhom, jew il-frottijiet li jistghu jittiehdu minnhom, jew xi impriza partikolari jew l-ezercizju ta' xi sengha jew professjoni". Fil-kaz in disamina l-oggett tal-assocjazzjoni huwa l-ezercizzju tal- professjoni medika fil-konfront ta' ditti u fabbriki klijenti taghha.

"Izda fl-Artikolu 1233 il-ligi timponi *ad validitatem* u mhux *ad porbationem tantum* il-forma skritta fil-kaz tas-socjetajiet civili u li fil-kaz ta' skrittura privata din ghandha, taht piena ta' nullita', tigi ffirmata mill-partijiet kollha. Ghalhekk f' dan il-kaz in disamina, ghalkemm ma nghatat ebda eccezzjoni f' dan is-sens, huwa essenzjali – ghad-determinazzjoni tad-definizzjoni tar-rabta u rapport ezistenti bejn il-kontendenti - li jigi stabbilit jekk il-ftehim bejn il-founder members kienx sar bil-mitkub; ghax fin-nuqqas ta' tali ingredjent ta' forma, il-figura ta' Socjeta' Civili ma tistax tikkonfigura.

"In propositu l-Qorti tirrileva li l-provi huma skarsi ghall-ahhar. Fix-xhieda tieghu l-attur isostni li meta sar il-ftehim Dr.Robert Naudi ma kienx baghtilhom kopja taghha. Issa ghalkemm l-allegazzjoni ma gietx kuntrastata mill-imsemmi Dr.Naudi[2], pero' minn naha l-ohra l-attur ma ressaqx provi ulterjuri f'dan ir-rigward, u lanqas saru domandi biex tigi kultivata u assodata din il-prova, izda semplicement strah fuq l-allegazzjoni tieghu nuda u kruda. Inoltre, fid-deposizjoni tieghu il-konvenut Dr. Alfred Baldacchino qal li dik kienet assocjazzjoni "u kulhadd jahdem flimkien ma kien hemm ebda ftehim solenni bil-miktub"[3]

[2] Liema konvenut ma xehedx f' dawn il-proceduri
[3] Dep.18 Gunju 1992 Fol.116

"Taht dawn ic-cirkostanzi u tenut kont tal-importanza vitali ta’ din il-prova ghall-ezistenza ta’ Socjeta’ fit-termini tal-Artikoli precitati, kif ukoll tenut kont tan-norma procedurali fil-kamp tal-prova, li l-Qorti ghandha tesigi l-ahjar prova, il-Qorti hija tal-fehma li l-provi dwar dan l-element huma skarsi u kontradetti u ghalhekk insodisfacenti. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li gie sodisfacentement provat li bejn il-kontendenti kienet tezisti socjeta’ skond l-artikoli precitati.

"Illi permezz tal-ftehim bejn dawk li l-partijiet rreferu ghalihom bhala il-founder members, fosthom, inkluzi l-kontendenti kien hemm pooling ta’ certu xoghol professjonali u distribuzzjoni ta’ profitti bejniethom b’ uhud mill-membri inkarikati mill-parti ammistrattiva ta’ din l-assocjazzjoni, li inizjalment kien it-Tabib Dr. Robert Naudi izda sussegwentement il-kariga amministrattiva ghaddiet fuq il-konvenut Dr. Alfred Baldacchino.

"Illi in vista tal-premess u <u>minn dak li rrizulta mir-rizultanzi processwali</u>, il-Qorti hija tal-fehma li dak li jezisti bejn il-kontendenti huwa ftehim konsistenti f’ semplici *“contribution and division of profits”* u ma humiex applikabbli ghalih in-normi li jigvernaw is-socjetatijiet civili a tenur tal-Artikoli 1644 *et seq*. tal-Kodici Civili.

"Illi in tema legali gie osservat mill-gurisprudenza interpretattiva li trattandosi ta’ assocjazzjoni, il-massa tal-qligh igib stat ta’ komunjoni *pro tanto* bejn l-assocjati u ghalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni *[**App.Kum. Giuseppe Zammit vs Carmelo Zahra** – 14.11.1958]* u ghalhekk wkoll ikun necessarju li ssir il-likwidazzjoni jew inkella dak is-socju illi jkollu l-kotba f’ idejh jaghti kont regolari ta’ l-attivita’ ta’ dik is-socjeta’ ghall-imghoddi, ghaliex mhux gust illi dak is-socju jibqa’ sejjer b’ kollox a dannu ta’ haddiehor *[**App. Civ. Giovanni Lanzon vs Giuseppe Vella** – 12 ta’ Jannar 1948].*

"Illi b’ applikazzjoni ta’ dawn il-principji, l-attur fil-kaz in dizamina, la hassu aggravat bid-decizjoni mehuda mis-socji l-ohra, kellu d-dritt li jesigi r-rendiment tal-kontijiet da parti ta’ min huwa inkariga mill-amministrazzjoni tal-

assocjazzjoni, kif ukoll jitlob, kif ghamel, il-likwidazzjoni ta' sehemu mill-assocjazzjoni u dan in bazi ghall-principju li hadd mhu obbligat jibqa' fi stat ta' komunjoni [Art.496].

*"It-Talbiet Attrici*

"Illi konformament mal-premess, il-Qorti tosserva li l-ewwel talba attrici diretta ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li t-tkeccija tal-attur mill-assocjazzjoni kienet wahda ingusta, hija legalment insostenibbli; u dana stante li bejn il-kontendenti ma hemmx relazzjoni ta' imghallem u impjegat, izda, kif fuq indikat, kien hemm stat ta' komunjoni li seta' jigi terminat b' rikjesta ghax-xoljiment tal-komunjoni u l-konsegwenzjali likwidazzjoni.

"Illi fit-tieni talba tieghu l-attur qed jitlob l-likwidazzjoni ta' *"kull somma dovuta lill-attur mill-konvenuti kemm bhala bilanc dovut mill-qliegh kif ukoll bhala danni u kull kumpens lilu dovut talli gie stabbilit l-imsemmi Pegasus Medical Service Group".* Dik it-talba tikkwalifika bhala talba ghal-likwidazzjoni ta' sehemu fl-assocjazzjoni.

"Illi fit-trattazzjoni tieghu l-attur iddikjara li hu thallas tax-xoghol maghmul minnu qabel il-kawza, u t-talba tieghu hija limitata ghat-telf tieghu mill-qligh tal-assocjazzjoni minhabba n-nuqqas ta' partecipazzjoni tieghu minhabba li gie estromess, u talab li din il-Qorti tiffissa dan l-ammont *arbitrio boni viri.*

"Jigi osservat in propositu, li l-process ta' likwidazzjoni jinvolvi komputazzjoni tal-valur tas-sehem tal-assocjati, u senjatament, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-valur finanzjarju tal-kontribut inizjali tal-membri li waqqfu l-assocjazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-pretensjoni ta' danni f' forma ta' *lucrum cessans* ma tidholx f' dan l-esercizju. Dak li kellu dritt jitlob l-attur huwa x-xoljiment, u likwidazzjoni ta' dak li hu dovut lilu ghax-xoghol li kien ghamel qabel it-talba ghall-likwidazzjoni, u tal-klijenti li originarjament huwa kien gab lil group biex setghet titwaqqaf l-assocjazzjoni.

"Illi anke f' dan ir-rigward tapplika l-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-oneru tal-attur li jressaq provi u jitlob il-produzzjoni tad-dokumenti mehtiega sabiex tkun tista' ssir tali likwidazzjoni.

"Il-Qorti tosserva li, qabel ma l-attur jistrih fuq talba ghal-likwidazzjoni *arbitrio boni viri*, huwa kellu l-obbligu li jitlob li l-konvenuti Dr. Robert Naudi u Dr. Alfred Baldacchino jipprezentaw rendikont tal-amministrazzjoni taghhom li, jekk accettat, kellu jservi bhala bazi ghal-likwidazzjoni tal-kumpens; kif ukoll jipprezenta prospett li fih jindika l-klijenti tieghu li hu sostna li gab fil-group, u jikkwantifika dan il-valur ta' dan il-kontribut ghal fini tal-likwidazzjoni, liema prospett kellu jkun sostnut bi provi sodisfacenti.

"Illi dan l-aspett tal-kawza huwa rez aktar komplikat minhabba l-allegazzjoni da parti tal-attur li meta xi tlieta jew erba xhur wara li gie estromess mill-assocjazzjoni, uhud mill-klijenti, tal-Pegasus Group bdew jinqdew mis-servizzi tal-group mwaqqaf mill-istess attur. Izda anke din il-parti tal-provi ma gietx kultivata mill-attur, u ma gew indikati ebda dettalji li jistghu jwasslu ghal-komputazzjoni fi flus tal-valur ta' dan il-parti tax-xoghol li mill-Pegasus Group ghadda ghand l-attur.

"In propositu l-Qorti tosserva li dan il-fatt jikkompensa, ghalkemm fi grad mhux definit, ghan-nuqqas fil-komputazzjoni tal-valur tal-kontribut inizzjali tal-attur. L-istess fatt iservi wkoll sabiex jimmilita kontra l-ilmenti li kienu saru mill-konvenuti, rigward il-komportament tal-attur mal-klijenti tal-group. Rigward dawn l-ilmenti, jigi osservat li l-oneru tal-prova jinkombi fuq in-naha konvenuta li qed tallegahom. Huma l-konvenuti li jridu jressqu provi sodisfacenti li l-komportament tal-attur kien detrimentali ghall-Group fit-termini tac-cirkulari fuq indikata. Fuq dan l-aspett tal-kawza l-Qorti tosserva li, instemghu diversi xhieda u nghataw spjegazzjonijiet dettaljati miz-zewg nahat, xhieda kontradetta mill-attur li dettaljatament spjega l-*modus operandi* tieghu f' certu kazijiet. F' dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li l-konflitt fil-provi huwa tali li ma jistax jinghad li l-konvenuti

rnexxielhom jipprovaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u tal-ligi li l-komportament tal-attur kien ta' pregudizzju serju ghall-group; u ghalhekk din il-linja difensjonali ma tistax treggi.

"Illi kif fuq indikat hemm elementi ta' prova, essenzjali ghal fini tal-likwidazzjoni, li huma mankanti, u l-uniku prova li hemm dwar l-introitu li kien jircievi l-attur hija kontenuta fid-deposizzjoni tieghu tas-27 ta' Gunju 1990[4] espressa f' dawn it-termini: *" sa l-ahhar sena li kont mal-grupp, dan id-dhul per capita kien telgha ghal madwar tlett elef u hames mitt lira maltin [Lm3,500] fis-sena"*. Ghalkemm anke din l-allegazzjoni ma giet sostnuta b' ebda prova dokumentarja jew prova ohra, minn naha l-ohra lanqas giet kontestata, u ghalhekk dan il-fatt qed jigi mehud minn din il-Qorti bhala provat.

"Illi in bazi ghall-provi prodotti, u fuq l-istregwa tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tosserva li l-kumpens li l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-attur huwa sehemu mill-qligh li ghamlet il-kumpanija fil-perijodu ta' seba xhur bejn nofs Awissu tas-sena 1988[5] u l-10 ta' Marzu 1989 id-data tal-prezentata tac-citazzjoni fejn huwa talab il-likwidazzjoni ta' sehemu; li fuq bazi ta' introitu annwu ta' Lm3,500, iwassal ghall-figura ta' elfejn lira maltin circa [Lm2,000].

**"Decide**

"Ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel talba bl-ispejjez kontra l-attur; tilqa' it-tieni talba u tillikwida l-kumpens dovut lill-attur fis-somma ta' elfejn lira maltin [Lm2,000], u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma ta' Lm2,000 – bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

2. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha ghall-fini ta' riforma ta' dik il-parti li akkoljiet it-tieni u tielet talbiet attrici - bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

---

[4] Fol.67
[5] Meta ma nghatax aktar xoghol mill-konvenuti

## IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR

3. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u li ghalhekk l-appell tal-konvenuti kellu jigi respint, bl-ispejjez kontra l-appellanti konvenuti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Ikun utli li qabel xejn jinghata kwadru in succint tal-fatti li taw lok ghall-vertenza in ezami. Il-kontendenti ftehmu u ffurmaw bejniethom grupp mediku bl-isem ta' Pegasus Medical Services Group. Huma kienu lkoll tobba u ftehmu li joffru s-servizzi medici taghhom lil fabbriki, azjendi u ghaqdiet lavorattivi simili. In segwitu, inqalghet il-htiega li jigu ingaggati maghhom aktar tobba b'dan ghalhekk li kien hemm tobba li kienu membri fundaturi - il-kontendenti f'din il-kawza, kompriz l-attur appellat - u t-tobba li ddahlu jahdmu mal-grupp. Ebda ftehim bil-miktub ma gie esebit fil-kawza - u minn hawn jibda l-ewell "gwaj", ghar-raguni li kollox gie rez dipendenti fuq provi orali. Hekk jirrizulta li giet imhaddma sistema li bih l-introjtu minn dawn is-servizzi medici kienu jigu depozitati f'bank, u wara li jitnaqqsu l-ispejjez kollha, il-bilanc, f'forma ta' profitt, kien jinqasam bejn il-membri fundaturi ugwalment, bit-tobba l-ohrajn jithallsu rata ta' hlas skond ma jkun gie miftiehem maghhom. Ma jidhirx li qatt inhargu xi "statements" biex jintwera lill-membri kif qeghda ssir l-ispartizzjoni ta' dawn il-profitti. Fl-istess waqt pero`, lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi lmenti mill-attur fuq dan il-punt *ut sic*. Skond l-attur, fl-ahhar sena, meta l-assocjazzjoni tieghu mal-grupp intemmet, huwa kien ippercepixxa bhala sehmu mir-rikavat ta' l-inkassi s-somma ta' Lm3,500 - u l-istess jghodd ghall-membri l-ohra, konvenuti appellanti f'din il-kawza.

5. Gara li beda jinqala' dizgwid bejn il-membri fundaturi, partikolarment bejn l-attur u t-tabib Dottor Alfred Baldacchino, rigwardanti s-servizzi, jew in-nuqqas taghhom, li kellhom jigu pprestati lill-klijenti tal-grupp, kif ukoll minhabba allegazzjonijiet ta' komportament "goff" da parti ta' l-attur konsistenti f'ghajjat ma' persuni addetti ma' l-amministrazzjoni tal-grupp, nuqqas ta' "follow up" lill-pazjenti ecc. Jirrizulta li l-membri fundaturi - ad

eccezzjoni ta' l-attur - iltaqghu bejniethom, u dan wara li kienu gia` wissew lill-attur dwar l-agir tieghu, u dawn hadu decizjoni li "jkeccuh" minn maghhom, fis-sens (peress li l-attur proprjament qatt ma kien impjegat mal-grupp) li dan jigi estromess mill-operat futur tal-grupp *de quo*. L-attur deherlu li din id-decizjoni kienet wahda ingusta u arbitrarja, u deherlu wkoll li kien intitolat li jithallas somma pekunjarja "kemm bhala bilanc dovut mill-qligh kif ukoll bhala danni u kull kumpens lilu dovut talli gie stabbilit l-imsemmi Pegasus Medical Services Group".

6. L-ewwel Qorti, f'decizjoni mill-aktar elaborata - minkejja l-fatt li l-partijiet ftit li xejn kienu ta' ghajnuna lill-Qorti billi ppreferew jinfexxu f'sensiela twila ta' rekriminazzjonijiet reciproci dwar nuqqasijiet li allegatament wasslu ghad-dizgwid ta' bejniethom - finalment iddecidiet hekk.
"Ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel talba bl-ispejjez kontra l-attur; tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kumpens dovut lill-attur fis-somma ta' elfejn lira Maltin [Lm2,000], u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma ta' Lm2,000 – bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti."

7. Minn din is-sentenza appellaw biss il-konvenuti. Fi kliem iehor, l-attur ma intavola ebda appell lanqas wiehed incidentali. Skond il-konvenuti appellanti darba li l-ewwel Qorti, gustament fil-fehma taghhom, cahdet l-ewwel talba attrici, "hija ma setghetx allura fuq il-premessi attrici f'din ic-citazzjoni, tillikwida u tordna hlas taht it-tieni u tielet talbiet". Il-konvenuti jissottomettu li huma ma setghux jigu mgeghla jibqghu assocjati ma' l-attur, u kellhom kull dritt (li) jitterminaw il-ftehim li kellhom mieghu." F'cirkostanzi bhal dawn, il-procedura idoneja kellha se mai tkun wahda ghal rendiment ta' kontijiet da parti tas-socju li kien imexxi l-operazzjoni komuni. Huma jiccitaw b'approvazzjoni diversi sentenzi lokali fis-sens li azzjoni bhal dik intentata mill-attur hija wahda irrita u nulla. L-attur, isostnu l-appellanti, la seta' inoltre jippretendi li jithallas xi bilanc mill-qligh, ghax dak dovut kien thallas lilu, u lanqas seta' jitlob hlas in linea ta' danni peress li l-ewwel talba, kif formulata, giet respinta mill-ewwel Qorti. Dwar kumpens, inoltre, l-ewwel Qorti kienet zbaljata "meta interpretata (i.e. it-talba attrici) bhala talba ghal-likwidazzjoni ta' sehem

l-attur minn xi komunjoni ta' beni gia` ezistenti" bejn l-attur u bejnhom.

8. Min-naha tieghu, l-attur appellat jidhirlu fl-ewwel lok li "frankament .....jista' jigi sfilzat trankwillament il-kontenut kollu tal-konsiderazzjonijiet fattwali ta' l-appellanti in kwantu rrilevanti ghal finijiet ta' dan l-appell". Dwar il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali mbaghad li gew avanzati mill-appellanti huwa jaqbel ma' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, fis-sens li kull assocjat bhax-xorta ta' l-attur kellu d-dritt "li fi kwalunkwe zmien jitlob sehmu mill-profitti li jkunu saru sa dakinhar", u jissottometti ghalhekk illi s-sentenza appellata timmerita konferma.

9. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawza, jidhrilha li l-aggravji tal-konvenuti appellanti huma fondati. Jirrizulta mill-provi li l-assocjazzjoni fformata mill-kontendenti kienet wahda "in partecipazzjoni". Dan jemergi car mix-xiehda ta' l-attur stess meta xehed (ara deposizzjoni moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju fid-29 ta' Marzu 1990, (fol. 61 - 62 tal-process) li
"Ghal habta tal-1979 konna nahdmu l-Isptar flimkien u konna ghaqqadna grupp ta' hames, sitt tobba u ddecidejna li nghaqdu grupp u nippuljaw il-qligh ugwalment. Qed nirreferi ghall-introjtu u l-ftehim bejnietna kien li l-fabbriki li ngibu individwalment jigu 'pooled bejnietna'.

L-attur jispjega fl-istess deposizzjoni surreferita li huma kienu ffirmaw dokument bejniethom li kien mizmum minn Dr. Robert Naudi, li kien ukoll wiehed mill-membri fundaturi. Il-Qorti kienet tistenna li xi hadd mill-partijiet, u specjalment l-attur, jara li dan id-dokument baziku jigi esebit izda dan ma sarx. Minflok, l-attur ghazel li jorbot it-talbiet tieghu ma' talba deklaratorja ta' "tkeccija ingusta", li pero` giet respinta. Isegwi ghalhekk li darba li din it-talba giet michdua, l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ghaddiet xorta wahda biex taqbad u tillikwida kumpens favur l-attur. Issa kif tajjeb gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Nicolo Ciappara v. Carmelo Caruso noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fil-5 ta' Frar 1960, li,

"Ma jistax ikun hemm dubju illi l-essenza ta' l-assocjazzjoni in partecipazzjoni hi r-ripartizzjoni bejn l-assocjati tal-qliegh jew telf li jirrizulta mill-operazzjoni jew operazzjonijiet maghmula minnhom flimkien. Il-vantagg tal-qligh u r-riskju tat-telf ta' l-operazzjoni, kunsidrata kollha f'daqqa, jehtieg essenzjalment (hi x'inhi l-proporzjoni miftehma) li jkun komuni."

F'din is-sentenza, inoltre, gie ribadit il-principju segwenti li ghandu japplika *ad unguem* f'kawzi ta' din ix-xorta, jigifieri li,
".......fil-kaz ta' assocjazzjoni in partecipazzjoni, l-azzjoni moghtija mil-ligi wara x-xoljiment mhix dik ta' likwidazzjoni, imma 'di resa di conto dal socio che gestiva il negozio' (ara Koll. Vol. XXVIII-1-693)..... Lanqas hemm bzonn jinghad illi, billi l-applikazzjoni tal-principju stabbilit mill-gurisprudenza, kif intqal fuq, timporta, fil-kaz ta' inosservanza, in-nullita` ritwali tal-proceduri, u barra minn dan, dak il-principju hu bazat fuq in-natura specjali ta' l-assocjazzjonijiet in partecipazzjoni, hu ghandu jigi strettament limitat ghall-kazijiet li ghalihom verament japplika."

Fil-fatt, jekk wiehed jezamina sew l-atti tal-kawza, jsib li <u>sa mill-bidunett</u>, il-konvenuti kienu ssollevaw tali ostakolu (hekk ara t-tielet eccezzjoni fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, a fol. 7 tal-process) meta qalu hekk:
"Fit-tielet lok ma jidhirx illi l-azzjoni intentata mill-attur hi korretta in kwantu hu ma kienx impjegat mal-group izda wiehed mill-assocjati u, se mai, kellu jitlob ir-reza konti u mhux il-likwidazzjoni in konsegwenza tal-licenzjament."

10. Dan kollu qieghed jinghad ukoll apparti minn konsiderazzjonijiet ohra ta' fatt li, wara kollox, jirrizulta li l-attur <u>thallas ta' dak li kien dovut lilu in linea ta' servizzi moghtija</u> u li ftit wara li ma baqax jopera mal-grupp beda jippresta servizzi lil azjendi li qabel kienu jinqdew bis-servizzi tal-grupp li tieghu huma kien wiehed mill-membri fundaturi. Anki l-istess attur appellat, tramite l-legali tieghu (minn liema kellu ta' lanqas tlieta differenti), wera incertezza u konfuzjoni shiha meta gie biex jitratta l-punt dwar dak li, skond hu, kien intitolat ghalih. F'dan ir-

rigward, id-difensur ta' l-attur ta' allura (ara fol. 208 et seq. tal-process) kien issottometta hekk:
"Dr Brincat ta, b'mod approssimattiv, il-qligh illi kienet taghmel din il-Kumpanija, u allura s-sehem li hu kien imissu, u allura fl-opinjoni ta' l-esponent il-kalkolu ta' kemm kellu jkun sehemu li huwa sofra bhala dannu mhuwiex se jkun wiehed hafif, ghax dana il-kwistjoni hija: illi dan kien qed ikun hemm certu qligh fix-xahar: certu qligh fis-sena li naturalment ikun ivarja.

Issa hu, id-dannu tieghu hu illi nqata' minn dan il-Grupp; l-azjendi u l-entitajiet li kienu juzaw il-Grupp baqghu juzaw il-Grupp: id-dannu li sofra l-attur huwa t-telf ta' qligh li huwa sofra minhabba l-metodu ta' kif huwa kien tkecca.

Kif qed nghidu, ladarba l-ammont ta' dannu mhuwiex wiehed preciz, jista' jaghti l-kaz li l-ammont jinhadem arbitrio boni viri skond kif il-Qorti jidhrilha mic-cirkostanzi: Mill-ammonti msemmija ... ... minhabba dak it-telf ... minhabba dak il-percentwal ta' disability. Hawnhekk is-sitwazzjoni hija illi kien hemm certu qligh minn din il-kumpanija; saret irregolarita` mill-konvenuti ghall-mod ta' kif huma estromettewh minn go dan il-Grupp; u allura l-qligh li kien qed jaghmel minn din il-kumpanija ma kienx iktar f'posizzjoni li jaghmlu.

Issa, kemm kien se jkun dak il-qligh .. .. il-futur hadd ma jafu. Jigifieri ma nistghux naslu ghall-punt preciz kemm se jkun it-telf. Lanqas ma nistghu nippruvawh bi provi. Il-provi li jistghu jingiebu hu dwar x'kien qed ikun il-qligh passat. Issa, il-passat hadu li kellu jiehu l-attur. Jigifieri ma jistax ifittex lill-konvenuti ghal dak li gia` kien thallas ghalih fil-passat.

(H)u din il-kawza qed issir ghal dak li tilef, li kien se jitlef minhabba n-nuqqas ta' partecipazzjoni fil-pool li kellha din il-Pegasus Medical-Service Group li qabel kienet tinqasam.
(sottolinear ta' din il-Qorti)

11. Dawn is-sottomissjonijiet tassew konfuzi ftit li xejn jissufragaw jew b'xi mod jipprovdu risposta adegwata

ghall-ostakolu procedurali rilevat supra dwar in-nullita` ritwali ta' l-azzjoni attrici. L-ewwel Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet li hemm stabbilit fil-gurisprundenza x'tip ta' azzjoni ghandha ssir f'sitwazzjonijiet analogi, qabdet u ghaddiet ghal-likwidazzjoni ta' kumpens *arbitrio boni viri*. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan seta' jsir proceduralment. Li kieku l-assocjazzjoni *de quo* sfat xjolta totalment, wiehed forsi jasal biex isegwi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti imma l-kaz in ezami kien differenti. Hawn si tratta ta' wiehed mill-"imsiehba" li gie mahrug mill-grupp, li thallas ta' servizzi li kien gia` lahaq ta lill-Grupp, li in segwitu kompla jahdem fl-istess generu ghal rasu, li mieghu ha numru ta' fabbriki u azjendi li qabel kienu jinqdew bis-servizzi tal-grupp u li pero` deherlu li ghad fadallu jithallas xi haga *extra* minhabba li safa 'mkecci ingustament' (talba li giet michuda) jew in linea ta' danni (li allura m'huwiex il-kaz), jew bhala 'kumpens' spettanti lilu mill-assocjazzjoni, ossija mill-ftehim li kellu mal-konvenuti l-ohrajn. Biex dan jista' jsir u qabel allura kull forma ta' likwidazzjoni, kellu jintalab rezokont minn min kien izomm il-gestjoni tan-negozju. Jekk tezamina x'inghad fit-trattazzjoni orali f'isem l-attur appellant, mill-ewwel wiehed jifhem kemm kienet essenzjali u *sine qua non* talba bhal din. It-triq maghzula mill-attur, apparti li giet *in parte* respinta, ma kenitx, fic-cirkostanzi, dik idoneja.

Ghaldaqstant hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-aggravji tal-konvenuti appellanti huma fondati u l-appell jimmerita li jigi milqugh. Konsegwentement tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn laqghet it-tieni talba u llikwidat il-kumpens dovut lill-attur fis-somma ta' elfejn lira (Lm2,000), fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur din is-somma, u fejn akkollat l-ispejjez lill-konvenuti, u tikkonfermaha fil-bqija. L-ispejjez kollha, kemm dawk ta' l-ewwel istanza u kif ukoll dawk ta' dan l-appell, jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------